KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.2.2006
KUMM(2006) 61 finali

2006/0017 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jirrigwarda l-impliemtazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trattament ta' eżenzjoni mid-dazji doganali taċ-ċirkuwiti integrati tal-multichip (MCPs) li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u għanijiet tagħha**

Ċirkuwiti integrati *multichip*, jew "*multichip packages*" (l-*MCPs*) huma kategorija relattivament ġdida ta' semikundutturi mmuntati li ma kinux jeżistu fi żmien tal-mekkaniżmu tat-tneħħija tat-tariffi ta' l-*ITA* (il-Ftehim tad-WTO dwar it-Teknoloġiji ta' l-Informatika) kien konkluż fl-1996.Kieku l-*MCPs* kienu jeżistu dak iż-żmien li kien innegozjat l-*ITA*, probabbilment kienu jkunu inkorporati fl-*ITA* b'rata ta' dazju żero.

Il-ħames Membri tal-Laqgħa tal-Gvernijiet / Awtoritajiet dwar is-Semikundutturi (*GAMS*), li huma l-Komunità Ewropea li hija rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Korea, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u t-Taipei Ċiniża, innegozjaw Ftehim dwar Trattament ta' eżenjoni mid-Dazju ta' Ċirkuwiti integrati tal-*multichip* (*MCPs*) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim *MCP"*)

- **Kuntest ġenerali**

F'isem il-Komunità Ewropea, il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim *MCP* bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/964/KE tal-21 ta' Diċembru 2005.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-proposta attwali għar-Regolament tal-Kunsill timplimenta l-konklużjoni tal-Ftehim *MCP* billi temenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana.

- **Konsistenza mal-politika u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta tappoġġja l-kompetittività ta' l-industrija Ewropea rilevanti.

2) KONSULTAZZJONI MA' PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni ma' partijiet interessati**

L-industrija Ewropea rilevanti tikkunsidra l-Ftehim *MCP* bħala inizjattiva ewlenija biex tappoġġja l-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tas-semikundutturi.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Din il-proposta sempliċement tfittex li timplimenta ftehim internazzjonali ffinalizzat mill-Komunità.

- **Valutazzjoni ta' l-Impatt**

Din il-proposta ma teħtieġx valutazzjoni ta' l-impatt.

Ebda strateġija regolatorja oħra ma hija konċepibbli.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsira ta'l-azzjoni proposta**

Ir-Regolament propost għandu jnaqqas għal żero r-rata tad-dazji doganali kollha u d-dazji u l-ħlasijiet l-oħra li japplikaw għall-*MCPs*.

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' l-*MCP* għadu jrid ikun hemm qbil dwarha ma' l-erba' partijiet li rratifikawh. Huwa previst li l-Ftehim *MCP* jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2006.

- **Bażi legali**

Il-Regolament propost huwa bbażat fuq l-Artikolu 133 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

- **Prinċipju ta' Sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Il-prinċipju ta' sussidjarjetà għalhekk ma japplikax

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja.

Il-regolament propost huwa limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jimplimenta l-ftehim internazzjonali ffinalizzat mill-Komunità.

Ir-regolament propost ma joħloq ebda piż amministrattiv żejjed.

- **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(ijiet) li ġejja.

Regolament huwa l-uniku mezz possibbli biex id-dispożizzjonijiet legali eżistenti jiġu emendati.

4) IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

F'termini baġitarji, trattament ta' eżenzjoni mid-dazju ta' l-*MCPs* huwa stmat li jissarraf fi tnaqqis mid-dħul doganali għall-baġit ta' l-UE għal madwar € 7.9 m/sena.

2006/0017 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jirrigwarda l-impliemtazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trattament ta' eżenzjoni mid-dazji doganali taċ-ċirkuwiti integrati tal-*multichip* (*MCPs)* li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[2] stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija, minn hawn 'il quddiem "In-Nomenklatura Magħquda", u stipula r-rati konvenzjonali tad-dazju tat-Tariffa Komuni tad-Dwana.

(2) Bid-Deċiżjoni tiegħu 2005/964/KE[3], il-Kunsill ikkonkluda, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim dwar it-Trattament ta' l-eżenzjoni mid-Dazji doganali taċ-ċirkuwiti integrati tal-*multichip* (*MCPs*) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").

(3) Il-Ftehim inaqqas għal żero r-rata tad-dazji doganali kollha u dazji u ħlasijiet oħra li japplikaw għall-*MCPs.*

(4) Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea bħala d-depożitarju desinjat mill-Ftehim irċieva strumenti ta' aċċettazzjoni minn erba' Partijiet. Skond l-Artikolu 7(a) tal-Ftehim, dawn l-erba' Partijiet qablu li l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-[1 ta' April 2006].

(5) Il-Ftehim issa għandu jiġi implimentat billi jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87.

---

1 ĠU C xx, xx.xx.xxxx, p.xx.
2 ĠU L 256, 7.9.1987, p.24.
3 ĠU L 34 9, 31.12.2005, p.1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I, l-Ewwel Parti, it-Taqsima II “Dispożizzjonijiet Speċjali” tar-Regolament (KEE) Nru 2658/97, għandha tiżdied l-ittra G "Trattament ta’ l-eżenzjoni mid-Dazji doganali taċ-ċirkuwiti integrati tal-*multihip* (*MCPs*)” kif tinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-[1 ta' April 2006].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

G. Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati tal-*Multichip* (*MCPs*)

(1) Eżenzjoni mid-dazji doganali huwa pprovdut għal ċirkuwiti integrati tal-*multichip* (*MCPs*) li jikkonsistu f'żewġ ċirkuwiti jew aktar ta' ċirkuwiti integrati monolitiċi interkollegati, magħquda għall-għanijiet prattiċi kollha b'mod li ma jistgħux jinfirdu, kemm jekk huma fuq sustratt iżolatur wieħed, jew aktar minn wieħed, u kemm jekk mhumiex, bi frejm taċ-ċomb jew mingħajru, iżda mingħajr ebda elementi attivi jew passivi oħra ta' ċirkuwiti;

(2) Prodotti eliġibbli għall-eżenjoni mid-dazji doganali huma koperti mill-intestaturi li ġejjin: 8418, 8422, 8450, 8466, 8473, 8517, 8518, 8522, 8523, 8525, 8528, 8529, 8530, 8531, 8535, 8536, 8537 , 8538, 8543, 8548, 8708, 9009, 9026, 9031, 9504.

(3) Mal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-*MCPs* lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri, min jiddikjara għandu jindika fil-kaxxa 44 tad-Dokument Amministrattiv Uniku (- "*SAD*") in-numru ta' referenza C500.

DIKJA RAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT ESKLUSSIVAMENT LIMITAT GĦAD-DĦUL

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li Jimplimenta l-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs)

2. LINJI TAL-BAĠIT:

Kapitlu u Artikolu: Kapitlu 12 - Artikolu 120

Ammont stmat għas-sena kkonċernata: 12 905 400 000 Euro

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-Proposta m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji

x Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljun sa punt wieħed deċimali)

Linja tal-baġit	Dħul[4]	Perjodu ta' 12-il xahar, li jibda 01/04/2006	2006
Artikolu 1	*Impatt fuq ir-riżorsi propji*	-7.9 M€	-5.9 M€
Artikolu...	*Impatt fuq ir-riżorsi propji*		

[4] Fir-rigward ta' riżorsi tradizzjonali proprji (dazji fuq l-agrikoltura, *levies* fuq iz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, i.e. ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25% ta' l-ispejjeż tal-ġbir

Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
	2007	2008	2009	2010	2011
Artikolu 1	-7.9 M€*	-7.9 M€*	-7.9 M€*	-7.9 M€*	-7.9 M€*
Artikolu...					

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

N.A.

5. RIMARKI OĦRA

Il-volum ta' dazju impost attwalment fl-UE fuq l-MCPs huwa stmat fuq il-bażi ta' data pprovduta mill-assoċjazzjoni industrijali Ewropea relevanti.

* Jekk jogħġbok innota li hemm probabilità li d-dazji u spejjeż oħra fuq l-MCPs jitneħħew f'kull eventwalità bħala riżultat taċ-Ċiklu ta' taħdidiet kummerċjali ta' Doha, jew ta' xi ftehim ieħor li jista' jiġi konkluż taħt l-awspiċi tad-WTO.